MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 638/2006

**Av. Peter Fenech bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Federation Internationale de Football Accociation (FIFA)**

**vs**

**B`digriet tal-Qorti tat-8 ta` Awissu, 2006 gew nominat Dr. Martin Fenech u PL Victor Bugeja bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti socjeta` esportatrici Tianjin Ameda International Trade Co. Ltd u lill-kunsinjatarju China Electro S.A.R.L.**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors fejn fih ippremettew illi:

Is-socjeta` rikorrenti, maghrufa madwar id-dinja nkluz f`Malta, hija proprjetarja tad-drittijiet registrati bhala

*community* trademark ma` l-Office for Harmonization in the Internal Market msejjha ‘WORLD CUP GERMANY’, ‘WORLD CUP 2006 GERMANY’ u l-FIFA logo bi tlett ucuh, liema drittijiet gew registrati fit-22 ta` Settembru, 2003 u moghtija n-numru ta` registrazzjoni 002152635, 002047843 u 002875037 rispettivament (Dok. F1, F2 u F3).

Minn Gunju 2006 sa Lulju 2006 kien hawn il-kampjonat mondjali tal-futbol gewwa l-Germanja u li s-socjeta` rikorrenti hija l-patruna ta` dan il-kampjonat f`liema rwol s-socjeta` rikorrenti akkwizzixxiet reputazzjoni u avvjament konsiderevoli fi swieq kollha internazzjonali inkluz dak Malti u ilha mill-anqas ghal dawn l-ahhar erbgha snin timmanifattura u timmpromwovi l-prodotti taghha relatati ma` dan il-kampjonat;

Fil-hmistax (15) ta` Gunju tas-sena elfejn u sitta (2006) r-rikorrenti nomine gie infurmat mill-Kontrollur tad-Dwana illi waqt l-iskrutinji tieghu gewwa l-Port Hieles, Marsaxlokk, Malta, huwa kien issosspenda r-rilaxx tal-container bin-numru CLHU 2316330 li dahal gewwa l-Port Hieles fuq il-vapur CMA CGM CHOPIN liema container kien fih total ta` dsatax il-elf tmien mija u tmenin (19,880) il-cintorin tal-kanvas kollha bil-marka ‘FIFA WORLD CUP GERMANY 2006’, u li *prima facie* dehru lill-Kontrollur tad-Dwana li dawn jikkontravjenu dritt ta` proprjeta` intelletwali;

Mill-kampjuni li ttiehdu mir-rikorrenti nomine jirrizulta li c-cintorin tal-kanvas hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li fihom il-kliem WORLD CUP GERMANY 2006 u kienu gew manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta` Federation Internationale de Football Association (FIFA), u ghalhekk jikkontravvjenu d-drittijiet ta` proprjeta` intelletwali ta` Federation Internationale de Football Association (FIFA) (Dok F4);

Ir-rikorrenti nomine talab lill-Kontrollur tad-Dwana sabiex jiddetjeni l-merkanzija susspettata gewwa Malta (Dok F5) sabiex a tenur ta` l-artikolu  tal-Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta`

Malta huwa jipprocedi civilment ghall-decizjoni dwar in-natura tal-merkanzija detenuta;

Din il-merkanzija inqabbdet mill-Port Hieles ta` Malta u l-Kontrollur tad-Dwana jaf li l-kunsinjatarju tal-merkanzija huwa CHINA ELECTRO SARL minn Marrakech fil-Maroc, dan skond dak citat fil-polza ta` taghbija numru GZ2138662 (Dok F6);

L-azzjonijiet tal-intimati jiksru d-disposizzjonijiet ta` l-artikolu 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta` Malta, kif ukoll ta` l-artikolu 10(2)(b) ta` l-Att Dwar it-Trademarks (Kap. 416) u huma azzjonabbli b`applikazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti ta` l-artikli 14-19 tal-istess Kap. 416 u l-artikli 7 u 8 ta` l-istess Kap. 414;

Is-socjeta` rikorrenti ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha;

Talbu lill-intimati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-oggetti konsistenti f`cintorin tal-kanvas li fuqhom hemm sinjali WORLD CUP GERMANY 2006, u li jinsabu prezentement taht l-awtorita` tal-Kontrollur tad-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx tal-container bin-numru CLHU 2316330 kontenenti l-imsemmija cintorini, jikkontravjenu d-drittijiet ta` proprjeta` intelletwali tar-rikorrenti fir-rigward tat-trademarks taghha ‘WORLD CUP GERMANY’, ‘WORLD CUP 2006 GERMANY’ u FIFA logo bi tlett ucuh, moghtija n-numru ta` registrazzjoni 002152635, 002047843 u 002875037 rispettivament;

2. Tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddisponi minn tali cintorini ‘l hinn mill-kanali tal-kummerc b`dak il-mod li jipprekludu xi hsara lir-rikorrenti, jew tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiddistruggi dawk ic-cintorini, f`kull kaz minghajr ebda kumpens lil u a spejjez ta` l-intimati;

3. Tiehu u tordna lill-Kontrollur tad-Dwana li jiehu dwar dawk ic-cintorini kull mizura ohra li jkollha l-effett li

effettivament iccahhad lill-intimat mill-beneficcji ekonomici ta` transazzjoni;

4. Tordna li l-intimati ghandhom ibatu l-ispejjez kollha konnessi mal-mizuri ordnati ai termini tat-tieni u t-tielet talbiet tar-rikorrenti, inkluzi dawk tat-trasport ta` l-imsemmija cintorini ghall-hazna f`Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, tal-hazna stess, tat-*tallying* u tal-ispejjez dovuti lill-Kontrollur tad-Dwana kif ukoll tat-trasport mill-lok tal-hazna ghall-lok eventwali ta` distruzzjoni inkluz l-ispejjez inkorsi ghad-distruzzjoni finali tac-cintorini tal-kanvas.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-digriet ta` din il-Qorti tat-8 ta` Awissu, 2006, li in forza tieghu inhatru l-Avukat Martin Fenech u l-P.L. Victor Bugeja bhala kuraturi biex jirraprezentaw lis-socjeta` konvenuta ghall-finijiet kollha tal-ligi.

Rat ir-risposta tal-kuraturi fejn dawn eccepew illi:

1. Huma mhumiex infurmati jew edotti mill-fatti u l-anqas ghandhom indirizz fejn jigu kkuntattjati l-imsemmija assenti minn Malta.

2. L-esponenti jirrizervaw risposti ulterjuri meta jkunu jafu l-fatti bid-dettal.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit prodotti.

Rat l-atti kollha tar-rikors.

Rat li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi jirrizulta li Dr. Peter Fenech huwa mandatarju tas-socjeta` estera Federation Internationale de Football Association (FIFA) sabiex jirrapprezenta l-interessi taghha f`Malta.

Jirrizulta illi fit-13 ta` Gunju, 2006 iddahhlet gewwa Malta fil-container CLHU 2316330 fuq il-vapur CMA CGM CHOPIN konsenja ta` cintorini tal-kanvas kollha bil-marka “FIFA WORLD CUP GERMANY 2006” li jikkontravjenu dritt ta` proprjeta` intellettwali peress illi manifatturati u esportati minghajr l-awtorizzazzjoni ta` FIFA u dan bi ksur tal-Art. 4 tal-Kap. 414 tal-Ligijiet ta` Malta.

Dawn il-fatti gew konfermati mid-dokumenti esebiti, mix-xhieda tal-ufficcjal tad-Dwana, liema dokumenti u xhieda ma gew bl-ebda mod kontradetti. Il-fatt li c-cintorini kienu foloz gie konfermat minn dokument iffirmat minn Tom Housman, Head of Legal Affairs FIFA Marketing & TV AG. Dan, fil-fehma tal-Qorti jipprova l-falsita tal-oggetti fi grad tekniku bizzejjed.

Ghalhekk il-fatti msemmija fic-citazzjoni jirrizultaw pruvati.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tilqa` t-talbiet attrici kif dedotti fir-rikors promotur, u b`dan illi ghall-fini tat-tieni talba tipprefiggi t-terminu ta` hmistax-il gurnata tax-xoghol biex il-Kontrollur tad-Dwana jiddistruggi c-cintorini in kwistjoni.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta b`dan li provisorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------